# SENA WARA T-TWAQQIF TAL-KUMMISSJONI DJOĊESANA PERSUNI B'DIŻABILITA'



L-Erbgħa li għaddiet, 3 ta' Diċembru ċċelebrajna l-Jum Dinji ddedikata lill-persuni b'diżabilitá. F'Lulju tas-sena 2007 Mons Isqof Mario Grech waqqaf Kummissjoni Djoċesana Persuni b'Diżabilita' (KPDP).

Il-missjoni ewlenija tal-KPDP hi li tippromwovi l-parteċipazzjoni sħiħa u l-ministerjalita' tal-persuni b'diżabilita' u tal-familji tagħhom fil-ħajja tal-Knisja u tad-djoċesi. Dan ifisser li l-KPDP qed timpenja ruħha li tgħin b'kull mezz possibbli għaliha sabiex il-persuni b'diżabilita' jkunu inklużi fil-ħajja kollha tal-Knijsa: mill-parteċipazzjoni sħiħa fil-Liturġija sal-formazzjoni kateketika b'mezzi u metodi alternattivi għal dawk eżistenti, mill-ħajja pastorali sal-istess aċċessibilita' għall-istrutturi mibnija tal-knisja, kif ukoll għal kull tip ta' informazzjoni li tiġi ppubblikata mill-knisja. Dan kollu jissupponi ħidma organizzata, ipprogrammata u konkreta sabiex issir inklużjoni siħiħ u b'dinjita' tal-persuni msemmija fi ħdan l-istess Knisja, liema ħidma hija waħda komplessa ħafna u mingħajr limiti. Sabiex jintlaħaq dan kollu, hemm determinazzjoni sħiħa mill-KPDP, iżda huwa importanti li dan kollha ma jitqiesx biss bħala impenn li għandha tilħaq il-KPDP waħidha. Il-Knisja hi magħmula minn firxa ferm wiesgħa ta' nies... Kull membru tal-Knisja  għalhekk int ukoll li qed taqra dan il-messaġġ - hu fid-dmir li dan ix-xogħol iħossu u jagħmlu tiegħu, kif ukoll li lkoll nagħtu sehemna biex dawn l-għanijiet ikunu jistgħu jintlaħqu. Hekk il-Knisja tkun tassew il-*Ġisem Mistiku* ta' Kristu, għax kulħadd, inklużi l-persuni b'diżabilita', isibu posthom fiha. Nemmnu u konvinti li, jekk dawn l-għanijiet naħdmu għalihom, ir-riżultati li joħorġu ikunu ta' għajnuna mhux biss għall-Knisja f'Għawdex, imma wkoll u fuq kollox għall-ħajja personali u soċjali tal-persuni b'diżabilita' li jgħixu f'Għawdex.

*Dun Joseph Bajada, Delegat tal-Isqof fil-KDPD*

## *Mill-Kalendarju Djoċesan:*

| | |
|---|---|
| ***It-Tnejn 8 ta' Diċembru*:** | Festa tal-Kunċizzjoni (Patrijiet Franġiskani Konventwali, Victoria / Knisja tal-Kunċizzjoni, Qala). |
| ***It-Tlieta 9 ta' Diċembru:*** | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella ta' l-Universita' - 7.15pm - KDŻ). |
| ***L-Erbgħa 10 ta' Diċembru:*** | Jum id-Drittijiet tal-Bniedem (NU). |
| ***Is-Sibt 13 ta' Diċembru:*** | Katekeżi ta' l-Avvent għaż-Żgħażagħ (Seminarju - 8.30pm). |
| ***Il-Ħadd 14 ta' Diċembru:*** | Festa ta' Santa Luċija (Santa Luċija, Kerċem) / "Gozo International Celebration" - "O Come all ye faithful" (Knisja Parrokkjali Qala - 6.30pm) |

## It-Talba tal-ġimgħa

Ejja żurna Mulej, bil-messaġġiera tiegħek,  bil-grazzja tiegħek, u bl-imħabba tiegħek, biex ikolli l-qawwa ħalli nidritta t-triqat tiegħi skond il-pjan tiegħek.

gozopress • 21551534




It-2 Ħadd tal-Avvent • Sena B • L-40 Sena (2071) • 7 ta' Diċembru 2008

Il-Bidu ta' l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla. Bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta, Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: hekk Ġwanni deher jgħammed fid-deżert u jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet. U kienet tmur għandu l-Lhudija kollha u n-nies kollha ta' Ġerusalemm, jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan waqt li jistqarru dnubiethom. Ġwanni kien jilbes libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u kien jiekol ġradijiet u għasel selvaġġ. U kien ixandar u jgħid: "Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidtkom bl-Ispirtu s-Santu." (Mk 1, 1-8)




### RIFLESSJONI

- Il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni hija l-qofol tal-missjoni li ġie jwettaq fostna Ġesu'.
- Bħalma kien Ġwanni, illum ukoll Ġesu għadu jibgħat ħabbara (missjunarji) biex iħejju l-poplu għal-laqgħa tagħhom ma' Ġesu.
- Il-poplu kien imur bi ħġaru għand Ġwanni biex jieħu direzzjoni għall-ħajja u biex jiddritta t-triq tiegħu.
- Il-Knisja f'Għawdex ukoll se tibgħat missjunarji jwasslu l-Aħbar it-Tajba u juruna s-sbuħija tad-dixxipulat ta' Kristu.
- B'liema mod qed nitħejja biex nilqa' f'dari dawn il-missjunarji: b'sempliċi kurżita' jew b'qalb sinċiera u mitfuħa għal Kristu ?